HAL BALZAN

IT-TIELET SENA Nru. 17 — LEHEN IL-KUNSILL ĊIVIKU — MEJJU/ĠUNJU 1974


SILTIET MILL-ISTORJA TA' HAL BALZAN (17)

IL-KNISJA PARROKKJALI (5)

MINN DUN ĠWANN DIMECH


PROGRESS FIL-BINI TAL-KNISJA

L-ewwel tagħrif dwar il-progress tal-bini ta' din il-Knisja Parrokkjali tagħtihulna r-relazzjoni tal-Viżta Pastorali ta' l-Isqof Astiria. Insibu li dan l-Isqof, Mons. Laurentius Astiria, nhar is-26 ta' Settembru 1673, filgħodu kien għamel iż-żjara pastorali fil-Parroċċa ta' H'Attard u wara nofs inhar ġie hawn Ħal Balzan. Kien proprju f'din il-Knisja Parrokkjali l-ġdida li fetaħ il-Viżta Pastorali tiegħu, għax kif nafu mir-'Rikors Storiku' tas-17 ta' Diċembru 1668, il-Kappillan Dun Dumink Hel lul kellu jbierek il-parti lesta ta' din il-Knisja, jittrasporta s-Santissmu Sagrament, il-kwadru tal-Lunzjata, iż-żjut imqaddsa u l-fonti tal-Magħmudija. (1)



L-arma ta' l-Isqof Mons. Lorenzo Astiria.

L-arma ta' l-Isqof Mons. Michele Gerolamo Molina.



L-arma ta' l-Isqof Fra David Cocco Palmieri.

Mill-Viżta fuq imsemmija, nafu li l-korsija prinċipali kienet kważi lesta għal kollox. Insibu li l-artal maġġur tal-ġebel bi tliet tarġiet kien qiegħed fit-tarf tal-korsija quddiem ħajt li kien imtella' proviżorjament sa taħt il-ħnejja tal-pilastri prinċipali qabel il-kor. Nafu wkoll li barra minn dan l-artal maġġur kien hemm żewġ artali oħra: wieħed fuq il-lemin dedikat lill-Madonna tar-Rużarju u l-ieħor fuq ix-xellug dedikat lil Marija Assunta. Dan l-Isqof jiddeskrivi l-fonti tal-Magħmudija: "iuxta modernum usum", skond l-użu modern. Jidher li dan il-fonti tal-Magħmudija kien magħmul ġdid u mhux dak li kien fil-Knisja ta' l-Annunzjata l-qadima. L-Isqof igħid li dan il-fonti kien għadu mingħajr il-piramida ta' fuqu. Xi oqbra kienu lesti u "l-katavri kienu ġew trasportati mill-oqbra tal-Knisja tal-Lunzjata l-qadima." (2)

Sitt snin wara, l-Isqof Fra Michael Hieronymus Molina, flimkien mal-Vigarju Ġenerali Mons. Ludovico Famucello, u r-Rev.mi Don Mariano Attard u Igniatius Costantio, ġie jagħmel il-Viżta Pastorali tiegħu nhar it-3 ta' Jannar 1679. F'din il-Viżta nsibu li din kienet it-tieni Viżta f'din il-Knisja Parrokkjali. Fir-relazzjoni nsibu ċar li "il-kor u l-kappelluni għadhom ma nbnewx". F'din il-Viżta, huma msemmija: l-artal maġġur taħt il-ħnejja tal-pilastri prinċipali ta' quddiem il-kor; l-artal tal-Madonna tar-Rużarju, artal dedikat lil Sant'Anna imżejjen b'kolonni sbieħ ħafna ħdejn il-kwadru; artal ieħor imżejjen b'kolonni sbieħ ħafna ħdejn in-naħa tax-xellug u hu dedikat lill-Isem ta' Ġesù; artal ieħor dedikat lis-Santissma Trinità. Fil-korsija tal-Knisja nsibu għadd ta' kwadri: il-Kwadru tal-Kunċizzjoni ta' Marija Ssma., il-Kwadru ta' San Ġużepp u ieħor ta' Santa Katerina ta' Siena, li kienu fil-Knisja ta' Santa Marija qabel ma din ġiet ipprofanata nhar it-12 ta' Diċembru 1658, żewġ kwadri oħra; wieħed tat-Twelid ta' Marija Ssma. miġjub mill-Knisja li kienet iġġib dan l-isem u li kienet ipprofanata fl-1658, u l-Kwadru l-ieħor dedikat lil San Mikiel li fiż-żmien kien fil-Knisja li kienet iġġib dan l-isem.

F'din il-Viżta tissemma s-sagristija li kienet mibnija n-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur. (3)

Fir-relazzjoni tal-Viżta Pastorali li kienet l-ewwel waħda li għamel Mons. David Cocco Palmieri lil din il-Knisja nhar it-3 ta' Diċembru 1686, insibu li wara li Mons. Isqof għamel il-Viżta tiegħu lill-artali, lill-kwadri, u lill-fonti tal-Magħmudija, "żar is-sagristija żgħira li qiegħda n-naħa tal-lemin ta' l-artal maġġur. Żar il-korp tal-Knisja li ġiet mibnija xi snin ilu min-nies twajba ta' dan ir-Raħal. Din ġiet mibnija sa mill-pedament fuq stil modern, il-kobor tagħha hu biżżejjed, kif ukoll hi ta' dekor liema bħalu u għandha forma ta' Salib. Din tikkonsisti f'navata prinċipali (korsija) b'erba' artali li huma msemmija aktar 'il fuq u li huma lesti minn kollox. Iżda l-kor u l-kappelluni, għad li x-xogħol tal-bini tagħhom tela' sewwa, għadhom m'humiex lesti." (4)

Seba' snin wara, insibu l-Viżta Pastorali ta' l-Isqof David Cocco Palmieri li għamel lil din il-Knisja Parrokkjali nhar it-18 ta' Ottubru 1693. Fiex kien wasal il-bini tal-Knisja? X'kien li ma kenitx lesta? Ir-relazzjoni ta' din il-Viżta tagħtina t-tweġibiet għal dawn il-mistoqsijiet. Ngħid għalija meta sibt din il-Viżta ħassejtni li sibt dokument importanti ħafna għall-istorja ta' din il-Parroċċa. Naraw x'ħallielna bil-miktub dan l-Isqof, jew aħjar il-Kanċellier tal-Viżta. Wara li jingħad li l-Isqof żar l-artal maġġur u l-erba' artali l-oħra, il-kwadri u s-sagristija, insibu:

"L-E.T. Mons. Isqof żar il-korp tal-Knisja li jikkonsisti fil-korsija prinċipali. Il-kor u l-kappelluni, għad li huma mibnija, għadhom mifrudin b'ħajt finnofs u n-naħa ta' fuq tagħhom in-naħa tas-saqaf għadhom mhux mibnija skond il-pjanta. Il-bibien għadhom mhumiex miftuħa u t-twieqi għadhom bla vetrati u lanqas il-paviment għadu ma ġie rranġat. Dan kollu kawża ta' nuqqas ta' qbil fil-fehmiet tan-nies dwar l-ordni li għandu jinżamm fil-bini tas-saqaf tal-kor u tal-kappelluni.

I-Illustrissmu u Reverendissmu Monsinjur jagħraf li l-Knisja qiegħda biex fiha titwettaq qima mill-aqwa lil Alla kif ukoll biex isservi għall-kumdità tal-poplu u għalhekk insista u ħeġġeġ lil kull min kien preżenti biex mill-aktar fis il-bini tal-Knisja jiġi mitmum. Biex iseħħ dan, ħatar Prokuraturi ġodda biex jieħdu ħsieb il-bini li kien baqa' tal-Knisja. Dawn huma s-saċerdoti Dun Ġużepp Frendo, u Dun Salv Debono, bin Ġwanni, u wkoll lil Ġann Mari Zarb, u lilhom ġew mogħtijin il-fakultajiet kollha meħtieġa. Dawn ġew imħeġġa biex jinsistu mal-werrieta tal-mejjet ir-Rev.mu Dun Dumink Debono biex jagħtu s-sehem tal-legat li ħalla Dun Dumink skond l-atti tan-Nutar Baskal Debono għall-bini ta' din il-Knisja.

Mons. Isqof iħeġġeġ lil dawn l-imsemmija Prokuraturi biex jagħmlu l-impenn tagħhom kollu biex bl-akbar diliġenza jitkompla l-bini tal-Knisja u jieħdu ħsieb jipprovdu dak kollu li jonqos.

U biex Mons. Isqof jaqta' l-inkwiet fost il-poplu għażel lill-Arkitett Lorenzo Gafà u lil Giovanni Barbara, Kapumastru ta' l-Ordni, biex jieħdu f'idejhom ix-xogħol tal-bini biex jieħdu ħsieb li jitwettaq skond id-direzzjoni tagħhom". (5)

Bejn din il-Viżta Pastorali u dik ta' l-istess Isqof li għamel nhar l-20 ta' Settembru 1699, ġrat ġrajja li nikktet lill-poplu ta' Hal Balzan kollu. Din kienet il-mewt tat-tieni Kappillan Dun Dumink Ellul. Dan kien il-Kappillan li tant ħabrek, kif rajna drabi oħra, biex jibni din il-Knisja Parrokkjali. Għad li kellu x-xorti li jqiegħed l-ewwel ġebla, ma rax it-tmiem tal-bini ta' din il-Knisja għaliex miet nhar il-11 ta' Lulju 1696. Dun Dumink, għad li ma kienx minn Ħal Balzan, għax kien minn Ħal Kirkop, iżda għadda 34 sena fost il-Balzanin jagħtihom kull għajnuna spiritwali kif ukoll materjali. Barra milli ħadem kemm felaħ biex jibni din il-Knisja, waqqaf żewġ artali, tat-Trinità Mqaddsa u dak ta' l-Isem ta Ġesù, kif ukoll ħallielhom xi beni.

Wara Dun Dumink, laħaq Kappillan Dun Marju Calleja minn Ħal Balzan stess. Dan kien l-ewwel Kappillan minn dan ir-Raħal. Ma għandna l-ebda dubju li Dun Marju Calleja, sa minn mindu ħa l-pussess f'Diċembru 1696, irsista kemm felaħ biex jara l-bini tal-Knisja Parrokkjali mitmum.

Kien ilu tliet snin Kappillan Dun Marju Calleja, meta l-E.T. Mons. Cocco Palmieri għamel it-tielet Viżta Pastorali lil dan ir-Raħal nhar l-20 ta' Settembru 1699.

Fir-relazzjoni ta' din il-Viżta nsibu għall-ewwel darba msemmi li l-Knisja hija lesta. Tant hu hekk naqraw:

"L-artal tal-Madonna tar-Rużarju qiegħed bejn erba' kolonni fil-kappellun tan-naħa tax-xellug. L-artal li qiegħed fil-kappellun tan-naħa tal-lemin għadu mingħajr kwadru." Jissemmew l-erba' artali tal-korsija. U jkompli: "Il-kor li qiegħed wara l-artal maġġur hu kbir biżżejjed iżda għadu mingħajr sedji.

Il-korp tal-Knisja hi mibnija fuq stil modern b'forma ta' Salib. Jidher ukoll li dalwaqt jibda l-bini tal-Koppla. Għadu kemm inbeda x-xogħol tal-bini ta' sagristija n-naħa tax-xellug tal-kor fuq in-naħa ta' barra tal-Knisja." (6)

Referenzi:

1. RIKORSI (1688), fol. 102. Kurja Arċiv.
2. ASTIRIA L.: Visit. Past. fol. 26. p. 358. Kurja Arċiv.
3. MOLINA M.H.: Visit. Past. fol. 114. Kurja Arċiv.
4. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 22. Kurja Arċiv.
5. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 281. Kurja Arċiv.
6. COCCO PALMIERI D.: Visit. Past. fol. 251. Kurja Arċiv.

PAUL VELLA

DRAPPIJIET U LBIESI TAL-PREĊETT
BLAZERS, KPIEPEL, U
UNIFORMIJIET TA' L-ISKOLA

5, Merchants Street, Valletta. Tel. C. 26222

"ĦAL BALZAN"

toħroġ kull xahrejn mill-

KUNSILL ĊIVIKU — BALZAN

c/o Każin tal-Banda
'San Gabriel',
Ħal Balzan.

Stampata fil-
Lux Press
Ħamrun.

EDITORJAL

★ 'BUS STOPS'

F'kull ħaġa fil-ħajja jiġi żmien li jkun hemm bżonn ta' bidla, u xi drabi jekk il-bidla ma ssirx toħroġ il-ħsara. Iżda meta bidla ssir sempliċement biex tkun saret, biex ngħidu biddilna xi ħaġa, anzi, dak li hu agħar, biex wara l-bidla nsibu ruħna agħar milli konna qabel, dak le. Dan inħossu li ġara ftit tal-ġimgħat ilu meta ġew imċaqilqa xi 'bus stops' tal-karozzi tal-linja mill-imkien fejn kienu qabel.

Qegħdin ngħidu għall-'bus stop' ta' quddiem is-Sala Aurora, li tniżżel il-misraħ, u l-ieħor ta' ftit 'il fuq mis-Sala (sewwasew fejn Triq Santa Marija tinfed ma' Triq il-Kbira) li tniżżel mal-Każin 'San Gabriel'. Nerġgħu ntennu, ma nafux għalfejn sar dan iċ-ċaqliq, ħlief biex ikun ta' inkonvenjent għall-passiġġieri li kienu jużaw dawn l-istages.

In-nies li joqogħdu fi Triq il-Kbira, minn ħdejn Santa Marija sal-Knisja Parrokkjali, dawk ta' Triq San Valentinu u Triq Sisner, żgur li m'għadhomx moqdijin tajjeb bħal qabel, l-aktar meta jiġu biex jinżlu x-xarabank mill-Belt. Dawn issa jew ikollhom jinżlu l-misraħ jew inkella jibqgħu telgħin sal-ħanut taż-żebgħa 'l fuq minn Santa Marija, fejn qabel l-istage kien komdu ħafna quddiem is-Sala.

Tant mhumiex imqassmin tajjeb il-'bus stops' issa li mill-waqfa ta' ħdejn il-każin tal-futbol sal-waqfa ta' ħdejn il-knisja m'hemmx ħlief tefgħa ta' ġebla, filwaqt li minn dan l-istage sa l-ieħor li jmiss għandek mixja ta' madwar erba' minuti. L-istess ngħidu għall-'bus stops' int u sejjer lejn il-Belt. Kif inhuma issa, il-'bus stops' huma ta' skomdu wkoll għas-sewwieqa stess tal-karozzi tal-linja.

Iżda l-ħelwa hi li ma jidhirx li hemm xi raġuni speċjali għala sar dan il-bdil, għallinqas fil-fehma tagħna. Il-parti ta' Triq il-Kbira quddiem is-Sala mhijiex hekk dejqa li ma tippermettix li xarabank tieqaf kemm tniżżel jew tgħabbi n-nies. U l-istage ta' fejn Triq Santa Marija tinfed ma' Triq il-Kbira int u nieżel 'l isfel kien tajjeb ukoll għax is-sewwieq kien ikollu ż-żmien jara min hu ġej minn Triq San Valentinu jew Triq Sisner u b'hekk dak li jkun ma jitlifx il-karozza tal-linja.

Nittamaw li dan l-ilment tagħna, li m'aħniex nagħmluh minn rajna imma għax smajna l-ilmenti ta' ħafna Balzanin, ma jaqax fuq widnejn torox imma jingħata l-konsiderazzjoni li tistħoqqlu.

★ 'YOUTH CENTRE'

Ilna ħafna biex niktbu xi ħaġa dwar il-'Youth Centre' tal-Parroċċa li fiż-żminijiet tal-lum huwa ta' ħtieġa kbira mhux biss f'Ħal Balzan imma fil-parroċċi kollha. Li f'raħal ikollok ċentru għaż-żgħażagħ fejn dawn jiltaqgħu, u fi spirtu ta' mħabba u ħbiberija jorganizzaw laqgħat ta' tagħlim u attivitajiet oħra sew kulturali kif ukoll ċiviċi, post fejn iż-żgħażagħ igħaddu ftit tal-ħin fil-għaxija jitkellmu, jiddiskutu, u jilagħbu, hija ħaġa tajba u ta' min jinkoraġġiha. Biss, il-'Youth Centre' għaż-żgħażagħ ġuvintur li jeżisti fil-parroċċa tagħna bħalissa żgur li mhux qiegħed jagħmel dan ix-xogħol ta' fejda.

Dan qed niktbuh għax nixtiequ tabilħaqq il-ġid ta' dawn iż-żgħażagħ Balzanin li għada pitgħada jkunu l-kapijiet tal-familji tar-raħal. Dan qed niktbuh għax nixtiequ aktar serjetà minn dawn iż-żgħażagħ fil-ħin li dawn ikunu weħidhom fiċ-ċentru. Ċertu kliem li ġieli nstema' xejn mhu ta' min ifaħħru, u hija ħaġa ta' min jikkundannaha wkoll li xi drabi tara tfajliet deħlin f'dan iċ-ċentru li proprjament qiegħed għall-ġuvintur. Lanqas m'aħna tal-fehma li dawn iż-żgħażagħ, li l-biċċa l-kbira tagħhom huma taħt it-18-il sena, ikollhom iċ-ċavetta taċ-ċentru f'idejhom u jiftħu u jagħlqu x'ħin jidhrilhom.

Nagħmlu appell lil min għandu fi ħsiebu dan iċ-ċentru taż-żgħażagħ sabiex issir sorveljanza akbar f'dan il-post li ma jmurx flok iservi ta' ġid jisfa ta' ħsara għal dawn iż-żgħażagħ tagħna, li m'hemm xejn xi tgħid fihom imma li għandhom bżonn id soda li tmexxihom.

★ IMĠIEBA TA' XI ŻGĦAŻAGĦ

Semmejna ż-żgħażagħ. Mhux l-ewwel darba li faħħarna ż-żgħażagħ ta' Ħal Balzan għall-edukazzjoni tagħhom u għall-imħabba tagħhom lejn ir-raħal u l-festa titulari. Biss ma nistgħux ma ninnutawx l-imġieba ta' xi wħud li mhumiex kuntenti jirrikrejaw irwieħhom mingħajr ma joffendu l-isem ta' Alla u tal-Madonna. B'imġieba bħal din dawn iż-żgħażagħ ikunu qed ibaxxu lilhom infushom, lill-familji tagħhom, u lill-każini li jiffrekwentaw, barra li jkunu qegħdin jiksru r-regolamenti ta' l-istess każin li jkun. Jagħmlu tajjeb id-diriġenti tal-każini tagħna li jiġbdu l-attenzjoni ta' dawn l-uħud — għax il-għadd tagħhom huwa ftit ferm — u jekk hemm bżonn ukoll jieħdu passi dixxiplinarji kontrihom.

Nota Editorjali:—

- It-tagħrif MILL-UFFIĊĊJU PARROKKJALI ma waslilniex.
- Aktar Ittri lill-Editur jidhru fil-ħarġa li ġejja.
- Il-ħarġa Lulju/Awwissu, il-ħarġa tal-Festa Titulari, se tkun ĦARĠA SPEĊJALI bi tmien paġni. Aħsbu kmieni għal kopja.
- Inroddu ħajr lill-kittieba u lill-benefatturi kollha tal-gazzetta tagħna.

AD MULTOS ANNOS LIL....

DUN ĠUŻEPP ZAMMIT


Nhar it-2 t'April ta' din is-sena, Dun Ġużepp Zammit, qassis mill-parroċċa, għalaq 25 sena jqaddes. Aħna, f'isem il-Bord Editorjali u l-qarrejja ta' din il-gazzetta, nifirħulu, u biex infakkru din il-ġrajja għamilnielu din l-intervista biex tibqa' b'tifkira.

Dun Ġużepp Zammit twieled l-Isla nhar it-13 ta' Settembru 1923. Huwa ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fi skola tat-tfal żgħar, speċi ta' kindergarten, sakemm daħal fl-iskola primarja tal-Gvern. Hawnhekk, huwa kellu bħala għalliem, għal kważi s-snin kollha li dam f'din l-iskola, lill-mibki Sur Alfred Buhagiar, President tal-M.U.T. Minn hawn huwa għadda għall-Lyceum; l-ewwel sena tal-Liċeo għamilha Bormla, it-tieni u t-tielet sena l-Hamrun, filwaqt li l-aħħar tliet snin sas-sesta għaddiehom il-Belt. Spiċċa l-kors fis-sena 1940, u f'dik is-sena qagħad għall-eżamijiet tal-Matrikola. Wara dan, għamel il-kors tal-Letteratura u t-Tejoloġija fl-Universita', min fejn kiseb il-grad Lic. D.

Is-sejħa għas-saċerdozju minn dejjem ħassejtha li kienet is-sejħa tiegħek?

Fi tfuliti, aktarx li ħafna minna konna 'nilagħbu' bil-knisja: il-biċċa l-kbira kellna l-artali, gandlieri (taċ-ċomb), u ħwejjeġ oħra, li b'xi mod f'dik l-eta' setgħu jħajruna għas-saċerdozju. Anzi fil-każ tiegħi nista' nżid li mhux darba jew tnejn kont nitla' bil-wieqfa fuq is-sodda jew nitwieżen ma' xi stanga ta' xi bieb u "nippriedka" lil tal-familja xi storja reliġjuża li nkun qrajt fl-iskola — dak iż-żmien kellna l-'Catholic Reader'. F'żgħożiti, iżda, dan il-ħsieb ma nistax ngħid li kien dominanti fija, tant li fil-Liċeo għażilt il-"modern" u mhux il-"classical" course. Is-sejħa vera għas-saċerdozju nistqarr li ħassejtha sewwa fil-gwerra, hawn f'Ħal Balzan, f'dawk is-sentejn li domt nistenna biex nibda l-kors fl-Universita'. U waqt li kont bejn ħaltejn jekk nibdiex il-kors ta' l-Arkitettura jew insirx qassis, Alla l-Imbierek, biex igħinni nagħmel l-għażla, inqeda bil-mibki Kan. Ġużeppi Spiteri, ħabib intimu tal-familja u li ħafna mill-Balzanin jiftakruh tajjeb jaħdem fosthom.

Niftakar tajjeb: Kont qiegħed għarkobbtejja fuq l-aħħar tarġa ta' l-artal tal-Kurċifiss, u narah ġej fuqi u qalli sempliċiment: "Int għax ma ssirx qassis? Aħsibha tajjeb, jiena ngħinek!" (Kien jaf li jien il-Latin ma kontx studjajtu). Ma kellix bżonn naħsibha: u meta għedtlu bil-'fiat' tiegħi beda jgħallimni l-Latin biex inkun nista' nagħti l-eżami tiegħu u nibda l-kors tat-Teoloġija. Kollox mexa ħarir, u fil-fatt bdejt il-kors fl-1942, u ġejt ordnat saċerdot fit-2 t'April 1949.


Dun Ġużepp Zammit

Is-saċerdozju bħala saċerdozju jgħaddu kemm igħaddu snin jibqa' dejjem l-istess; dak imwaqqaf minn Sidna Ġesu' Kristu bil-missjoni speċifika li ddeterminalu l-Imgħallem Divin, jiġifieri dak is-sagrament li bih tingħata s-setgħa spiritwali flimkien mal-grazzja biex dak li jkun ordnat jeżerċita sewwa l-ministeru tiegħu — "Kull qassis ... meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin f'dak li jmiss lil Alla, biex iqarreb għatjiet u sagrifiċċi għad-dnubiet." (Lhud 5, 1). Għalhekk ma nistax ngħid li llum narah b'xi mod differenti minn 25 sena ilu. Dak li fih nara differenza, forsi wkoll kbira, huwa s-saċerdot u mhux is-saċerdozju, jew aħjar kif is-saċerdot illum irid jaqdi l-missjoni tiegħu.

Kif taraha l-missjoni tas-saċerdot fid-dinja tal-lum?

Kif għedt, waqt li s-saċerdozju fih innifsu jibqa' l-istess il-mod kif jiġi eżerċitat naturalment jitbiddel minn żmien għall-ieħor skond il-ħtieġa ta' dak iż-żmien partikulari. Għalhekk is-saċerdot illum irid jaddatta ruħu għad-dinja preżenti, bit-tajjeb u l-ħażin tagħha, biex isaħħaħ ta' l-ewwel u, kemm jista' jkun, ixejjen tat-tieni. Għax fl-aħħar mill-aħħar, il-Knisja nfisha ġiet imwaqqfa biex tkun fid-dinja, mela l-qassis ukoll, min-natura tiegħu irid igħix fid-dinja biex fiha jkun "għodda maħtura" ta' Kristu. Imħabba f'hekk is-seminaristi tal-lum qegħdin jitħarrġu b'mod differenti ħafna minn kif ġejna mħarrġin aħna. Fi żmieni, it-taħriġ tagħna kien kollu teoloġiku, konna maqtugħin għal kollox min-nies u mill-ġrajjiet ta' madwarna, b'mod li riedet tkun l-esperjenza ta' wara l-ordinazzjoni li tgħallimna x'inhi d-dinja u kif trid timxi u tmexxi fiha.

Illum dan it-taħriġ ħa xejra għall-aħjar! Infatti s-seminarista, barra mit-teorija, jitgħallem ukoll il-prattika ta' l-apostolat. Joħroġ iktar spiss mis-Seminarju, jagħmilha iktar man-nies, u b'hekk jisma' u jagħraf il-problemi tagħhom qabel ma jordna qassis, u naturalment ikun imħejji aħjar biex jaffrontahom.

Għax il-Knisja ma tridx li l-qassis ikun biss bħala 'il-bniedem tal-kult', jiġifieri r-rappreżentant maqtugħ għalih fuq l-artal u mifrud mill-bqija tal-komunita'. Bil-maqlub, kif jistqarr l-istess Konċilju fid-digriet "Presbyterorum Ordinis", tridu jkun iktar mogħti lill-bnedmin, tridu jgħix magħhom bħal ħuhom, u jinteressa ruħu f'dak kollu li jinteressa lilhom, dejjem lest biex jismagħhom u jiddjaloga magħhom mingħajr pero' ma jkun konformista mad-dinja. Li għalhekk is-saċerdot illum (kif juruna tant eżempji sbieħ) ikun imdaħħal fi ħwejjeġ umani, hi konsegwenza mhux ta' xi bżonn soċjoloġiku imma ta' l-istess missjoni divina tiegħu: missjoni li trid twassal lill-bnedmin biex konxjament, liberament, u bi gratitudni jagħrfu u jsebbħu 'l Alla.

Hu proprju għalhekk li fl-istess digriet il-Konċilju jpoġġi bħala d-dmir ewlieni tal-qassis il-predikazzjoni tal-Vanġelu, mhux b'mod astratt u ġeneriku, imma applikat għaċ-ċirkostanzi konkreti tal-ħajja. B'hekk tissaħħaħ il-Fidi, u l-fidili jitħejjew aħjar biex jirċievu s-Sagramenti speċjalment l-Ewkaristija li fiha jinsab il-ġid spiritwali

(jissokta f'paġna 4)

F'dawn il-25 sena li ilek tqaddes, tista' ssemmi xi ġrajjiet speċjali li kellek fil-ħidma tiegħek pastorali?

Ġrajjiet speċjali fis-sens ta' 'sensazzjonali' mil-lat saċerdotali ma nistax ngħid li kelli. Dawn il-25 sena saċerdozju kellhom naturalmet l-'ups and downs' tagħhom, imma aktarx għaddew b'mod normali, almenu esternament. Imma naħseb li kull saċerdot — u jien minix eċċezzjoni — speċjalment jekk hu konfessur, jiltaqa' ma' ġrajjiet speċjali li jkollhom jibqgħu mistura.

Illum, wara 25 sena li ilek tqaddes, għadek tħares lejn is-saċerdozju bl-istess mod li kont tħares lejh 25 sena ilu?

MUSCAT FLORA
POPE ALEXANDER JUNCTION,
BALZAN TEL. 42479
Din id-Ditta hija Fergħa tal-
GIARDINO ALLEGRA ta' Catania
MUSCAT FLORA PET SHOPS
18, TRIQ BRITANNIA, VALLETTA
Telephone: 27512
Infornukom bi kwalunkwe pjanti u siġar ornamentali, basal u żrieragħ tal-fjuri u tal-ħxejjex, demel artifiċjali, terriċċju, insetticidi, pompi u b'kulma huwa meħtieġ għall-ġonna u l-qsari, saħansitra kotba ta' tagħlim fuq il-ġonna u l-Pets tagħkom.

U WKOLL LIL....

DUN ĠWANN DIMECH

Ix-xewqat tagħna nagħtuhom ukoll lil Dun Ġwann Dimech, li għalaq 25 sena jqaddes nhar is-16 t'April. Lil Dun Ġwann għamilnielu l-istess mistoqsijiet li għoġbu jwieġeb għalihom bil-qalb kollha.

Dun Ġwann Dimech, bin Pawlu u Vinċenza mwielda Mizzi, twieled il-Furjana nhar it-2 ta' Diċembru 1922. Ħa l-edukazzjoni tiegħu f'St. Mary's School, il-Furjana, u mbagħad għand il-Ġiżwiti fil-Kulleġġ San Lwiġi. L-istudji tal-letteratura, filosofija, u teoloġija għamilhom fis-Seminarju ta' Għawdex fi żmien il-gwerra. Nhar l-1 t'Awwissu 1948 ġie ordnat suddjaknu fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann minn Mons. Arċisqof, u nhar is-16 t'April 1949 ġie ordnat saċerdot fil-Kattidral ta' Għawdex mill-Isqof Ġużeppi Pace. Sena wara li ordna, huwa ġie nnominat Assistent Kappillan Nazzjonali taż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara, kariga li dam jokkupa sal-1962. Għal sentejn għamilha ta' segretarju tal-Kumitat għall-Festi Ċentinarji ta' San Pawl fl-1960, u fl-1961 ġie mlaħħaq Direttur Spiritwali fl-Iskejjel tal-Gvern. Fl-1968 il-Gvern bagħtu jieħu sehem f'kors dwar il-kateketika li sar fil-Kulleġġ ta' Fenham, Newcastle-upon-Tyne, fl-Ingilterra. Dun Ġwann huwa wkoll Kappillan ta' Mons. Arċisqof, u ko-fundatur u l-ewwel teżorier tas-soċjetà tal-qassisin 'Christus Rex'. Nhar is-16 t'Awwissu 1973 huwa ġie nnominat Kappillan Maġistrali ta' l-Ordni ta' San Ġwann. L-investitura saret minn Mons. Arċisqof fis-7 ta' Settembru 1973.



Dun Ġwann Dimech

Is-sejħa għas-saċerdozju minn dejjem ħassejtha li kienet is-sejħa tiegħek?

Nista' ngħidlek li din is-sejħa tiegħi għas-saċerdozju ħassejtha meta kont għadni ta' età żgħira ħafna. Niftakar li sa miċ-ċokon kelli ġibda kbira lejn dak li għandu x'jaqsam m'Alla mill-qrib, kif ukoll sa minn tfuliti ħassejt li għandi nagħmel il-ġid lil sħabi speċjalment lil dawk anqas fortunati minni.

Kont għadni lanqas għamilt l-Ewwel Tqarbina meta tkellimt dwar dawn iż-żewġ ġibdiet mal-Ġiżwita Patri Leandro Preziosi, Alla jagħtih il-Ġenna, u middehra dan fehem li kelli l-ewwel sinjali tas-sejħa t'Alla. Tgħallimt l-għajnuna tal-quddiesa, u bdejt ngħin il-quddiesa li kien iqaddes dan il-Ġiżwita. Meta kelli seba' snin beda joħroġni miegħu, u beda aktar jikkultiva l-vokazzjoni. Iżda wara ftit ġie maħtur Direttur Spiritwali tas-Seminarju ta' Messina. Qabel ma telaq daħħalni fil-Kulleġġ San Lwiġi fejn ħallieni f'idejn Patri Antonio Tabone, u wara kompla jagħtini d-direzzjoni spiritwali Patri Emvin Busuttil. Dawn iż-żewġ patrijiet għenuni bosta biex nagħraf sewwa l-vokazzjoni tiegħi u għad li xtaquni nidħol mal-Kumpanija tagħhom, dejjem għenuni biex nasal inħobb u ngħożż il-vokazzjoni li għaliha Alla kien qed isejjaħli.

Meta bdiet il-gwerra, il-ġenituri tiegħi ddeċidew li mmorru noqogħdu Għawdex u hemm komplejt l-istudji tiegħi fis-Seminarju, fejn komplejt insaħħaħ il-vokazzjoni tiegħi taħt it-tmexxija għaqlija tad-Direttur Spiritwali Mons. Indri Vella.

F'dawn il-25 sena li ilek tqaddes, tista' ssemmi xi ġrajjiet speċjali li kellek fil-ħidma tiegħek pastorali?

Bosta huma l-ġrajjiet speċjali li kelli fil-ħidma pastorali tiegħi tul dawn il-25 sena. Dan hu dovut għall-fatt li sa minn mindu sirt saċerdot il-ħidma pastorali tiegħi ma kinetx ristretta għal parroċċa biss, iżda mifruxa mad-djoċesi. Kont għadni fil-bidu meta l-ewwel apostolat tiegħi kelli nwettqu fost iż-Żgħażagħ Ħaddiema Nsara. Ridt niddedika ħajti għalihom bħalma għamel il-fundatur tal-Moviment Mons. Cardijn. Ma kontx għadni nafu, iżda Alla ried li fl-1961 kelli x-xorti noqgħod miegħu fl-istess dar. Dak inhar għaraft xi tfisser tkun qassis qaddis u xi tfisser tagħti lilek innifsek għal ħaddieħor. U la qed insemmu saċerdoti qaddisin, insemmi meta darba ltqajt ma' Dun Ġorġ Preca u qalli: 'Ħija, tinsiex li aħna niġu minn xulxin (Dun Ġorġ hu l-kuġin t'ommi), u t-tnejn saċerdoti tal-Mulej; naħdmu, ħija, naħdmu fil-qasam tal-Mulej'. Kienu kelmiet li għadhom jidwu f'widnejja sal-lum.

Meta Mons. Arċisqof ħatarni kappillan tiegħu, sibt ruħi f'kariga li ġabitni f'kuntatt ma' nies ġejjin minn kull qasam tal-ħajja — mexxejja ta' pajjiżi, kardinali, isqfijiet, professjonisti, ħaddiema, neguzjanti, sinjuri u fqar. Iżda ġrajja li naħseb ma ninsieha qatt hija meta xi ftit tas-snin ilu Mons. Arċisqof u jien għamilna vjaġġ fuq jott, u matul il-vjaġġ interessajt ruħi fil-kaptan. Meta temmejna l-vjaġġ, irringrazzjajtu u għedtlu li jekk 'il quddiem stajt naqdih f'xi ħaġa jiktibli għand l-Arċisqof.

Għaddew sentejn minn dak inhar, u nirċievi telefonata minn sptar fejn qaluli li dak il-kaptan kien marid u li ried jarani b'urġenza. Mort, u kif rani tbissimli u qalli: 'Illum, father, għandi bżonnok... għinni biex insir kattoliku... għinni, jekk jogħġbok, father...' Ma kontx qed nistennieh kliem bħal dak, u bħal ħasadni, iżda t-tabib u n-ners li kienu qrib qaluli li ma kellix inħalli żmien igħaddi. Ippreparajtu, u kont għadni kif għammidtu meta waslu martu u ż-żewġ uliedu mill-Ingilterra. Wara ftit qalli: 'Father, irrid nirringrazzjak quddiem marti u wliedi għal dan kollu li qed tagħmel miegħi... inħossni ferħan ħafna li sirt kattoliku... kompli, father, għidli fuq Ġesù u t-tqarbin għax irrid nirċievi 'l Ġesù Kristu.' Kienet xena kommoventi tara lill-kaptan jipprova joqgħod għarkubbtejh kif jista' fuq is-sodda biex jirċievi 'l Ġesù għall-ewwel darba, imdawwar minn martu u wliedu li għalkemm protestanti mixħutin għarkubbtejhom b'qima liema bħalha.

Għal xi l-11 p.m. għamiltlu l-Griżma tal-Morda, u t-tabib bagħatni nistrieħ biex nerġa' narah filgħodu. Lanqas laħaq sebaħ li ma kontx ħdejn is-sodda tal-kaptan li issa kien moribond. Ħin minnhom fetaħ għajnejh, tbissimli, tlabna flimkien, u meta rajtu x'mewta qaddisa qed jagħmel tlabtu biex meta jkun qed igawdi 'l Alla jiftakar fija, u hu weġibni li ma jinsieni qatt. U filwaqt li bi tbatija lissen. . Ġesù, Marija, Ġużeppi... ruħu ttajret lejn is-sema.

Ġrajjiet oħra li farrġuli qalbi kelli oħrajn, sija fil-Missjoni żgħira kif ukoll bħala Direttur Spiritwali ma' l-istudenti ta' l-iskejjel sekondarji u primarji kif ukoll mat-tfal u żgħażagħ inkapaċitati.

Illum, wara 25 sena li ilek tqaddes, għadek tħares lejn is-saċerdozju bl-istess mod li kont tħares lejh 25 sena ilu?

Jiena s-saċerdozju bħala istituzzjoni divina kont, għadni, u nibqa' nħares lejh bl-istess mod li kont inħares lejh 25 sena ilu. Illum, wara l-Konċilju Vatikan II, nara li sar aktar approfondiment dwar is-sagrament ta' l-Ordni Sagri fit-tifsira ekkleżjali tiegħu kif ukoll dwar is-saċerdozju ministerjali tar-Rabta l-Ġdida. Għalhekk illum aktar minn qabel jidher li s-saċerdozju huwa l-qofol tal-moviment ġdid ta' spiritwalità, ta' għaqda, ta' mħabba u ħidma li nħolqot fi ħdan il-Knisja. Il-Konċilju ma jistax jagħti l-frott mistenni mingħajr saċerdoti.

Kif tarah l-missjoni tas-saċerdot fid-dinja tal-lum?

Il-missjoni tas-saċerdot fid-dinja tal-lum hija sabiħa iżda diffiċli. Is-saċerdot jinsab f'dinja li qed titbiddel, f'dinja li tipprova twarrab lil Alla mill-ħajja privata u soċjali tal-bniedem, f'dinja li tittollera l-permissività u li b'hekk jiġu mxejna l-valuri spiritwali u morali ta' l-individwu. Is-saċerdot jista' jiltaqa' ma' ċirkustanzi li jġibu kriżi ta' qtigħ ta' qalb. Iżda x'jista' jnaqqas l-entużjażmu ta' kull saċerdot? Il-qassis jaf li permezz tas-saċerdozju tiegħu, anke fi żminijiet l-aktar diffiċli, irid iġib ix-xbieha ħajja ta' Kristu fil-Knisja, irid jaqsam ma' Kristu l-uffiċċju ta' medjatur u ragħaj.

Fiż-żminijiet tal-lum is-saċerdot għandu jaġġorna ruħu dwar il-problemi attwali fil-qasam reliġjuż u morali u dwar il-mezzi adekwati għas-soluzzjoni tagħhom, għandu isaħħaħ il-kultura teoloġika tiegħu bl-istudju tad-dokumenti konċiljari, u jfittex li jkollu aktar tagħrif ta' l-antropoloġija pastorali, teoloġija pastorali, u ta' metodoloġija pastorali. Dan iservi lis-saċerdot biex ikun jista' jressaq lil ħutu l-bnedmin biex ikun jista' jitwettaq fihom il-Pjan tas-Salvazzjoni.

Minn dawn il-25 sena tiegħek bħala qassis, kemm minnhom għaddejthom taqdi fil-parroċċa ta' Ħal Balzan?

Nista' ngħid li kważi l-25 sena kollha għaddejthom naqdi mill-aħjar li stajt lil din il-Parroċċa ta' Marija Annunzjata. Meta l-familja tiegħi u jien ġejna noqogħdu Hal Balzan, bdejt naqdi lil din il-parroċċa fil-ħajja liturġika u pastorali. Tajt is-sehem tiegħi bid-daqq ta' l-orgni kif ukoll fit-tmexxija tal-Kor Parrokkjali. Għal xi żmien kont direttur ta' l-abbatini, u dan l-aħħar kont president tal-Kunsill Parrokkjali kif ukoll rappreżentant tal-kleru fil-Kunsill Ċiviku.

X'inhuwa x-xogħol tiegħek fil-parroċċa?

Bħala saċerdot inħoss li għandi nagħti s-sehem tiegħi fil-ħajja tal-parroċċa. Dan nagħmlu bil-qadi tal-ministeru sagramentali, pastorali u liturġiku. Biex inwettaq dan inkun fil-knisja parrokkjali kuljum filgħodu u filgħaxija. Ikolli wkoll laqgħat ta' tagħlim fl-Istitut tal-Bon Pastur għat-tfal u ż-żgħażagħ ta' hemm, u wkoll laqgħat tal-Presidium tal-'Legion of Mary' għand is-sorijiet Franġiskani Missjunarji ta' Marija.

Qed nagħti wkoll il-kontribut tiegħi fil-bini ta' l-istorja ta' dan il-post. Għad li qed jiswieli ħafna xogħol ta' riċerka fl-arkivji tal-Kurja u tal-Kattidral kif ukoll fl-arkivji Parrokkjali, dan qed nagħmlu għax inħossu dmir tiegħi bħala qassis u ċittadin li nagħti s-sehem tiegħi mhux biss f'dak li hu spiritwali iżda wkoll f'dak li hu ċiviku.

X'inhija x-xewqa tiegħek għall-ġejjieni?

Nixtieq li nipprova nitgħallem mill-Papa Ġwanni biex bħalu mhux inxandar biss iżda ngħaddi lil min jismagħni l-imħabba u l-ferħ ta' Kristu. Nipprova li bħal dan il-Papa qaddis nitkellem mhux biss mill-qalb, iżda nipprova nkellem lill-qlub.

Nixtieq inkun sinjal u simbolu ħaj, xhud tal-kelma, u bil-għemil ta' l-imħabba t'Alla għall-bnedmin, u tas-sliem li wiegħed Kristu u li Kristu biss jagħti.

Nixtieq li meta nidher quddiem Alla nkun nista' mingħandu nirċievi l-ħlas ta' dak kollu li nkun wettaqt fil-ministeru saċerdotali tiegħi.

KOMPETIZZJONI BIL-PREMJU

Irbħu ktieb u ballun tal-WORLD CUP

Tfal,

Qabel ma niġu għall-kompetizzjoni tagħkom, nixtiequ nirringrazzjawkom u ngħidulkom prosit u prosit tassew għan-numru ferm sabiħ li daħlu għall-kompetizzjoni tal-qoffina bil-bajda tal-Għid. Din id-darba l-kompetituri laħqu 170. Ix-xogħol tagħkom, tfal, kien tajjeb, u kien hemm xi wħud minnhom li kienu magħmula ferm bil-għaqal. Kien xogħol li ħabblilna ftit moħħna biex naslu sabiex nagħżlu r-rebbieħ jew rebbieħa, imma bil-ftit tal-paċenzja u bil-għajnuna ta' nies kompetenti wasalna biex nagħtu l-verdett tagħna. Tfal, nerġgħu ngħidulkom li apprezzajna ħafna x-xogħol li għamiltu. Nispera li min ma ħax premju ma jaqtax qalbu u jibqa' jieħu parti f'kompetizzjonijiet oħra, u li n-numru tal-kompetituri jibqa' jiżdied.

Issa niġu għall-kompetizzjoni għal din il-ħarġa. Din id-darba ħassejna li billi qed joqrob l-final tal-WORLD CUP il-kompetizzjoni se jkollha x'taqsam magħha. Kull ma għandkom tagħmlu hu li tirrispondu dawn il-mistoqsijiet:

1. **F'liema pajjiż fl-Ewropa se tintlagħab it-Tazza tad-Dinja 1974?**
2. **Kemm-il tim se jieħu sehem fil-finali ta' din l-edizzjoni tat-Tazza tad-Dinja?**
3. **Min rebaħ l-aħħar Tazza tad-Dinja erba' snin ilu?**
4. **Liema tim se jirrappreżenta lill-Afrika f'dawn il-finali tat-Tazza tad-Dinja?**
5. **Liema nazzjon, minbarra l-Arġentina, il-Polonja, u Haiti, jifforma Grupp IV f'dawn il-finali?**
6. **Meta se jsir il-final tat-Tazza tad-Dinja?**

Ibagħtu t-tweġibiet tagħkom f'envelop magħluq u ndirizzawh lill-Każin tal-Banda 'San Gabriel', jew impustawh intom stess fil-'letter-box' ta' l-istess każin. Għandkom żmien sa nhar is-Sibt, 8 ta' Ġunju, 1974.

Ir-rebbieħ tal-kompetizzjoni tal-qoffina hu *Alfred Borg*, li joqgħod 5, Triq il-Barriera, Ħal Balzan. Il-premju ta' 50 ċenteżmu nieħdu ħsieb nibagħtuhulu.

Dawn it-tfal jixirqilhom kull tifħir għall-mod kif ikkuluraw il-qoffina tagħhom u ġew skond din l-ordni:

It-II — Stephen Bartolo, ta' 30, Triq San Valentinu, Ħal Balzan.

It-III — Joanna Bonello, ta' 164, Triq il-Kbira, Ħal Balzan.

Ir-IV — Carmel Balzan, ta' 56, Triq il-Kbira, Ħal Balzan.

Il-V — Mario Muscat, ta' 49, Triq San Valentinu, Ħal Balzan.

Is-VI — Josette Bartolo, ta' 30, Triq San Valentinu, Ħal Balzan.

Is-VII — Alison Bonello, ta' 164, Triq il-Kbira, Ħal Balzan.

ARS VITREA

Prop: JOSEPH LICARI

MANUFACTURERS OF MIRRORS

ENGRAVERS AND SAND BLASTERS ON GLASS

BEVELLERS AND POLISHERS OF GLASS

245, FLEUR DE LYS ROAD, BIRKIRKARA

Telephone: 40323 Cables: Jolica-Malta

APPREZZAMENT

FREDU BRINCAT

Nhar is-Sibt, 16 ta' Marzu, ħalla dan il-wied tad-dmugħ biex jistrieħ fil-paċi tal-Mulej is-Sur Alfred Brincat, President tal-Każin tal-Banda 'San Gabriel' u President tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla, fl-għomor ta' 64 sena.

Is-Sur Fred, jew aħjar Fredu, kif nafuh aħna l-Balzanin, kien raġel ta' qalb tajba, dħuli, jaf jitħabbeb ma' kulħadd, u fuq kollox kien devot ħafna tal-Madonna taħt it-titolu ta' l-Annunzjata. Huwa dejjem qeda dmiru ta' nisrani kif titlob il-Knisja Kattolika. Fl-aħħar jiem ta' ħajtu huwa sofra b'rassenjazzjoni kbira l-marda li Alla l-Imbierek għoġbu jibgħatlu. Qatt ma kont tisimgħu jlissen lanqas l-iċken kelma li biha kien juri t-tbatijiet tiegħu. Meta ħass li kien qed joqrob it-tmiem hu stess talab li jiġi konfortat bis-Sagramenti Mqaddsa, u miet mewta ta' dawk li jmutu fil-paċi tal-Mulej.



Fredu Brincat

Fredu kien Balzani fil-veru sens tal-kelma, mhux biss għax twieled u għex Hal Balzan imma għax għalih Hal Balzan u dak kollu ta' interess għar-raħal tiegħu kien jiġi l-ewwel u qabel kollox. Għalih il-festa tar-raħal kienet il-mimmi t'għajnejh. Kont tarah jinteressa ruħu f'dak li kellu x'jaqsam sew mal-festi interni kif ukoll mal-festi esterni. Kien igħin finanzjarjament mill-aħjar li kien jista' u kien igħin ukoll fiżikament, ħafna drabi b'sagrifiċċju kbir għalih.

U xi ngħidu mbagħad għall-interess tiegħu fil-Każin tal-Banda 'San Gabriel' li tiegħu kien ilu president għal 21 sena? Huwa dejjem qeda dmiru tajjeb fil-kariga tiegħu ta' President. Dejjem kien iħeġġeġ lill-membri biex ikomplu jinteressaw ruħhom għall-ġid tal-każin u għall-ġid tal-festi esterni ta' Marija Annunzjata. Barra dan huwa kien bandist attiv. Kien idoqq 'corno' u dam jaqdi l-banda għal żmien twil. Kien ikun fis-seba' sema meta kien idoqq mal-banda tal-każin tiegħu, sew meta din kienet tieħu parti fil-festa tar-raħal kif ukoll meta din kienet tkun mistiedna biex tieħu parti f'xi festa ta' raħal ieħor. Bħala bandist dejjem qeda dmiru tajjeb. Kien ikun minn ta' l-ewwel meta kien isir xi kunċert fil-każin u dejjem kont tisimgħu jħajjar lit-tfal sabiex jitgħallmu xi strument. Iżda kull bidu għandu t-tmiem, u Fredu ħass il-forzi tiegħu jonqsu u għalhekk ma setax ikompli jaqdi dmiru bħala bandist u kontra qalbu kellu jħalli l-banda li kienet tant għal qalbu. Meta sar dan huwa rregala l-istrument tiegħu lill-każin li tant kien iħobb.

Fredu issa ma għadux magħna. Fih Hal Balzan tilef iben li kien denn li jġib l-isem ta' Balzani. Imma għalkemm ma għadux magħna, il-memorja tiegħu tibqa' ħajja f'bosta u bosta Balzanin li kienu jafuh mill-qrib, u tibqa' tħeġġiġhom biex ikomplu jaħdmu għall-ġid ta' Hal Balzan li bih Fredu kien tant kburi. U bħalma Fredu qeda dmiru lejn Hal Balzan raħal twelidu, żgur li ħutu l-Balzanin ma jonqsux li jqimu l-memorja tiegħu, li jitolbu għalih, u li jagħtu l-kondoljanzi tagħhom lil martu, lil ħutu, u lil qrabatu kollha.

Valentino Muscat.

Sur Editur,

Jiena u naqra l-editorjal tal-ħarġa ta' "Hal Balzan", Marzu/April, fuq ix-xogħol li qiegħed isir fil-friż tal-knisja bit-titoli tal-Litanija tal-Madonna bil-Malti, filwaqt li int faħħart ix-xogħol li qiegħed isir tajt ideja li jkun aħjar li fil-ġranet tal-festa jibqa' jintuża d-damask li soltu jsir fil-friż b'tali mod li jiġu mgħottijin.

Jiena x-xogħol li qiegħed isir għoġobni ħafna, bħalma qiegħed jogħġob lil kull min qiegħed jarah. U ta' dan nagħti prosit lis-sagristan, li tista' tgħid il-biċċa l-kbira tax-xogħol qiegħed jagħmlu hu. Imma l-ideja li xogħol bħal dan jiġi mgħotti fil-ġranet tal-festa naraha ħaġa assurda, u sejjer ngħid l-għaliex.

Id-dekorazzjoni li qiegħda ssir fil-friż, barra li qiegħda ssebbaħ il-knisja, hija wkoll parti minn sensiela ta' titoli li matul iż-żmenijiet il-Knisja tat lil Marija biex tunuraha, għalhekk naraha barra minn lokha li fil-ġranet tal-festa biċċa ċarruta tieħu prominenza fuq dawn it-titoli tal-Madonna, meta suppost li huma l-aktar ġranet li jkunu esposti.

Barra minn hekk sa fejn naf jien fil-Festa, il-Knisja nżidulha d-dekorazzjonijiet u m h u x ngħattu dak li ġa hemm!

J. CASSANO

REAL LEATHER

BOOTS . . . SHOES . . . SANDALS . . .
BAGS . . . BELTS . . .

Fantastic colours to choose from and made-to-measure (in any size)

Call at :

ZAMMIT LA ROSA — ATLAS LIMITED

ATLAS WORKS — Good Shepherd, Avenue, Balzan.
Tel. 41082

HAL BALZAN U X-XIRKA TA' L-ISEM IMQADDES T'ALLA

Hal Balzan huwa mdawwar b'ġonna u raba' għammieli, li ma jistgħux jonqsu meta tikkonsidra l-wied fertili li fih tnissel u kiber Hal Balzan b'ħidma kontinwa ta' wliedu, tant fil-parti antika u storika tiegħu kif ukoll fin-naħa arjuża u moderna. U dan għandu jferraħ lill-Balzanin kollha, sew l-imweldin u wkoll ir-residenti ġodda.

Harsa madwarek speċjalment fin-naħa ewlenija hija biżżejjed biex tikkonvinċik fil-fidi u t-tama li kellhom f'Alla l-antenati tagħna. F'nofs djarhom ħasbu għall-bini ta' knisja, żgħira imma biżżejjed għall-ftit li kienu. Wara bnew oħrajn ikbar, u bl-istess pass li kibret il-popolazzjoni komplew jibnu knejjes oħra sakemm waslu li bnew il-knisja parrokkjali li għandna llum. Jiena nistħajjel din il-ħidma bħala talba kontinwa bil-ġebel għall-glorja t'Alla.

F'dawk iż-żminijiet in-nies kienu jgħixu ħajja sempliċi, medhijin bix-xogħol għall-ġid tal-familji tagħhom, u madwar il-knisja. Il-ftit għalihom kien biżżejjed, u bħalma t-tfal żgħar minn f'bikja jinfexxu jidħku meta tagħtihom xi ħaġa mqar żgħira, għax il-pretensjonijiet tagħhom huma tant sempliċi li bix-xejn jintleħqu, hekk ukoll il-kbar kienu kuntenti għax qatt ma kienu jixxennqu għal ħwejjeġ li ma setax ikollhom.

Kliemhom kien juri li ħsiebhom kien dejjem f'Alla u jieħdu kull ma jiġri minn idejh. Niftakar f'żgħożiti l-espressjonijiet li kienu jgħidu. Jaraw ħaġa sabiħa: Imbierek Alla xi ġmiel! . . . Ħaġa kerha jew xi diżgrazzja: Barra minn hawn, Alla ħares qatt! . . . Jixtiequ jagħmlu xi ħaġa: Jekk Alla jrid . . . Jagħmlu xi ħaġa li rnexxiet: Għall-grazzja t'Alla! Dawn l-espressjonijiet jirriflettu l-konvinzjoni reliġjuża li kellhom missirijietna. Illum minn dawn ftit għadna nisimgħu, u jekk nibqgħu sejrin hekk għad jispiċċaw għal kollox. Posthom diżgrazzjatament qed jieħdu l-kliem vojt u dagħa, li dari kien f'ħalq ftit magħrufa biss għall-bluha tagħhom u nies ta' min jiskartahom.

Illum ħaġa oħra, id-dagħa daħal, biex ngħid hekk, fil-livelli kollha tas-soċjetà Maltija, u ma nistgħux ngħidu li Hal Balzan ma għandux ukoll minn uliedu li biex juru kemm huma ħielsa, moħħom miftuħ jew irġiel, bid-dagħa qed iħammġu kull fejn ikunu. Bid-dagħa ma tiħux raġun; min jidgħi ma jirraġunax, ikun irid biss li tgħaddi tiegħu bil-forza, u flok raġun jieħu tort u joħroġ ta' pastaż ma' kull min ikun semgħu, u jbaxxi lilu nnifsu u 'l ġensu, barra li jkun offenda 'l Alla wkoll.

Ix-Xirka ta' l-Isem Imqaddes t'Alla ilha mwaqqfa f'din il-Parroċċa sa mill-1931, u dejjem għamlet kull ma setgħet biex issaħħaħ id-devozzjoni lejn l-Isem t'Alla b'ħidma individwali tal-membri tagħha biex tagħmel fronti biex dan il-vizzju ikrah tikkontrollah. Issa x-Xirka qiegħda tipprepara programm ġdid billi tiġbor dawk il-familji — li għall-grazzja t'Alla għad hawn ħafna minnhom — li huma lesti li jwiegħdu li mhux biss ma jinstemax dagħa fosthom, imma wkoll li l-membri kollha ta l-familja fir-relazzjonijiet tagħhom ma' qraba u ġirien, tant waqt ix-xiri ta' kuljum, kif ukoll fejn jaħdmu, fl-iskola, fir-rikreazzjoni, u l-bqija, dejjem jagħtu eżempju tajjeb u jwissu bil-prudenza u l-imħabba lil kull min jisimgħuh jiżbalja.

Biex dan il-għan jintlaħaq, nitolbu lil dawk il-familji kollha li jixtiequ jassoċjaw f'dan ix-xogħol li jikkomunikaw magħna biex bil-ħidma organizzata tagħna lkoll jirnexxilna nnaddfu mhux biss lil Hal Balzan minn dan il-għajb iżda lid-distretti l-oħra ta' madwarna.

W. F. BELLIZZI

(jaqbad minn paġna 2)

kollu tal-Knisja. Mela l-amministrazzjoni xierqa tas-Sagramenti, speċjalment dażżmien wara r-riforma liturġika, hu dmir ieħor kbir tas-saċerdot.

B'dawn iż-żewġ mezzi, is-saċerdot iwassal lill-fidili biex jiżviluppaw is-sejħa tagħhom skond il-Vanġelu, biex igħixu ħajja ta' mħabba sinċiera w attiva, u jgħinhom jaraw x'inhi u x'teħtieġ ir-rieda t'Alla fil-ġrajjiet kbar u żgħar tal-ħajja. Allura jkun jista' jiġma' flimkien il-familja t'Alla f'għaqda u permezz ta' Kristu u fl-Ispirtu s-Santu jwassalha għand il-Missier.

Aspett ieħor tal-missjoni tas-saċerdot illum, kif almenu naraha jien, hi fit-tmexxija tal-Knisja nfisha. Forsi qed niżbalja, imma sa ftit snin ilu l-qassis kien qisu 'abbati kbir', qiegħed sempliċiment biex iqaddes, iqarar u jamministra s-Sagramenti, u forsi wkoll kultant (dan għadu wkoll sal-lum) ... jissostitwixxi l-'abbatini' f'xi funzjoni meta dawn jieħdu l-'French leave'. Mill-bqija, ebda responsabbilta' fit-tmexxija tal-parroċċa jew komunita' xi tkun.

Għall-kuntrarju, il-Konċilju wara li jiddikjara li l-qassisin kollha flimkien ma' l-isqfijiet għandhom sehem fl-uniku u l-istess saċerdozju u ministeru ta' Kristu, u li għalhekk teħtieġ l-għaqda ġerarkika bejniethom, li fiha l-isqof iqis il-qassisin bħala aħwa u ħbieb, jikkonkludi li l-Isqof għandu jqis lis-saċerdoti bħala għajnuna neċessarja u kunsilieri tiegħu fit-tmexxija tad-djoċesi, u jagħmilha ċara li din l-għajnuna u dawn il-pariri m'humiex xi lussu li l-isqof jista' juża jew le skond il-burdata, u anqas ma jista' jissostitwihom b'xi ħaġ'oħra. Jordna għalhekk it-twaqqif tas-Senat Presbiterali, li fih qassisin magħżula minn sħabhom stess jagħtu għajnuna effettiva lill-isqof fit-tmexxija tad-djoċesi. Fi grad inqas mis-Senat Presbiterali, hemm imbagħad il-Presbiterju Parrokkjali li fiha kull saċerdot tal-parroċċa, flimkien mal-kappillan, jiddiskuti l-problemi, xogħlijiet, eċċ, li jolqtu l-parroċċa. S'intendi, għadna kważi fil-bidu ta' dawn iż-żewġ korpi, u għalhekk irid igħaddi ż-żmien u forsi wkoll tinbidel ċerta mentalita' u ċertu awtoritariżmu biex ikunu jistgħu jitħaddmu kif imiss! Hu x'inhu, żgur li issa s-saċerdot għandu (jew għad ikollu) 'say' dirett fit-tmexxija tal-parroċċa u indirett f'tad-djoċesi, u jkun tabilħaqq 'kollaboratur' tal-Kappillan u l-Isqof!

Ta' min isemmi wkoll fil-kuntest tal-missjoni saċerdotali fid-dinja, forsi ta' għada iktar milli tal-lum, għalkemm diġa' bdejna nħossuha, li mħabba t-tibdil soċjali kbir li minnu għaddejja d-dinja — u pajjiżna jagħmel sehem minnha — li l-parroċċa bħala tali ma tistax tibqa' ċ-ċentru waħdieni għal-laqgħat tal-Poplu t'Alla. Fil-fatt naraw li ħafna parruċċani, għal raġuni jew oħra, ma jinqdewx bil-parroċċa tagħhom imma jfittxu parroċċa oħra, jew komunitajiet oħra (bħal ħaddiema, studenti, eċċ.) biex jaqdu d-dmirijiet spiritwali tagħhom. Tgħid dan għada pitgħada ma jaffettwax l-istruttura u l-forma tal-missjoni saċerdotali?

Minn dawn il-25 sena tiegħek bħala qassis, kemm minnhom għaddejthom taqdi fil-parroċċa ta' Hal Balzan?

Ma tantx irrid wisq biex inwieġeb! Għax sirt qassis f'Hal Balzan u bqajt inservi r-raħal tul il-25 sena kollha li ili ordnat. L-uniku xogħol barra mir-raħal hu t-tagħlim fis-Seminarju Arċiveskovili, li jeħodli n-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

X'inhuwa x-xogħol tiegħek fil-parroċċa?

Bħal sħabi l-qassisin l-oħra tal-parroċċa, l-ewwel xogħol tiegħi fil-knisja hu l-quddiesa u l-amministrazzjoni tas-Sagramenti. Barra minn dan jien ukoll Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu "Regina Pacis" tal-Fergħa tax-Xebbiet ta' l-Azzjoni Kattolika, fejn ili diġa fuq l-għoxrin sena. Kont Assistent Ekkleżjastiku taċ-Ċirkolu "Kristu Re" li dak iż-żmien kien iħaddan fih l-Irġiel u l-Ġuvintur flimkien. Peress li ngħallem is-Seminarju ġejt maħtur bħala 'Parish Recruiter' tal-Vokazzjonijiet Saċerdotali għar-raħal tagħna. U mill-1961 ingħażilt Teżorier tal-Konferenza ta' San Vinċenz de Paule tat-tliet irħula.

X'inhija x-xewqa tiegħek għall-ġejjieni?

Kif kelli l-okkażjoni ngħid fil-festin li għamluli s-Soċje u l-familji tagħhom fiċ-Ċirkolu "Regina Pacis" fl-okkażjoni tal-Ġublew tal-Fidda tiegħi, l-unika xewqa tiegħi għall-ġejjieni hi li nkun strument fidil u tajjeb f'idejn il-Mulej, biex naqdi sewwa l-missjoni saċerdotali tiegħi u hekk inkun ta' xi ġid lill-erwieħ. Biex dan jista' jseħħ fija, teħtieġli bilfors l-għajnuna t'Alla li ma naqlagħhiex jekk ma nitlobx u jekk intom ukoll, għeżież qarrejja, ma titolbux għalija. U ta' dan it-talb, grazzi minn qiegħ qalbi!

ATTENTI GĦALL-ĦARĠA SPEĊJALI TAL-GAZZETTA "HAL BALZAN"